**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 19 – 27 ta' Awissu 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-7.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 19.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Brian Bonnici | Sindku |
| | Alfred Grixti | Viċi-Sindku |
| | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda persuna tal-pubbliku preżenti. | |

**1. QARI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Brian Bonnici talab li l-minuti ta' Aġenda 18 jittieħdu bħala moqrija, huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2. KORREZZJONIJIET**

2.1. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-minuti u qal li rigward l-attivita Ħaż-Żebbuġ Jistiednek huwa ried jgħid li minħabba l-mod kif ġiet mqassma l-attivita iż-żona ta' quddiem it-12th May u l-Każin tal-Partit Laburista spiċċaw maqtula.

Fis-7.05pm is-Sindku Brian Bonnici talab sabiex il-Kunsill jaqa' fi stadju ta' kumitat sabiex il-Perit tal-Kunsill ikun jista jipparteċipa fil-laqgħa. Il-laqgħa

tkompliet fis-7.25pm. Fl-istadju ta' kumitat ġiet diskussa l-proposta tal-Viċi Sindku Alfred Grixti li jintuża materjal riċiklat f' toroq tal-kampanja u l-proġett ta' resurfacing ta' Triq il-Kurkanta u Triq il-Qubbajt. Kien hemm qbil li l-perit jipprepara feasibility studies fuq iż-żewġ suġġetti.

## 3. ARISING OUT

3.1. Is-Sindku Brian Bonnici talab li jkun jaf xi żviluppi kien hemm dwar il-kwotazzjonijiet tal-bus shelters tal-pjazza. Is-Segretarju spejga li fuq talba tal-kunsill ġie mistoqsi lis-suppliers kienx possibli jipprovdu bus shelters custom made. Il-Kunsillier Emanuel Agius nforma lill-Kunsill li wara riċerka li għamel sab kumpanija interessata li tipprovdi bus shelter skon il-ħtiġijiet tal-kunsill. Huwa ppreżenta kwotazzjonijiet lill-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill u din il-kumpanija sabiex tiġi diskussa l-offerta tagħhom.

3.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jkun jaf kienx hemm xi aħbar dwar il-bus shelter ta' Triq is-Siġġiewi. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li kien irċieva telefonata mis-segretarjat ta' Chris Said fejn l-ewwel infurmawh li dan il-bus shelter kien se jitwaħħal u xi żmien wara iċċekjaw kienx twaħħal, iżda sa dik il-ġurnata ma kien sar ebda progress. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun jaf min ikkuntatja lis-Sindku. Is-Sindku wieġeb li ma kienx jiftakar min.

3.3.1. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 10 tal-minuti, rigward il-laqgħa li saret għar-residenti mal-MEPA. Il-Viċi Sindku spjega li huwa mportanti li l-Kunsill jitkellem b' vuċi waħda fuq dan is-suġġett. Is-Sindku Brian Bonnici spjega li l-Kunsill irid joqgħod attent minħabba li fiż-żona hemm persuni b' interessi differenti li kollha qed jiġbdu lejn dak li jaqbel lilhom u kollha jippretendu li l-Kunsill jieħu posizzjoni favor tagħhom. Is-Sindku spjega li r-rwol tal-Kunsill bħalissa huwa li jiġbor l-informazzjoni u jressaqha lill-MEPA. Il-Kunsill mhux f' posizzjoni li jagħmel deċiżjonijiet iżda xorta waħda jista jagħti servizz lir-residenti u l-operaturi kummerċjali taż-żona.

3.3.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-Kunsill missu ma daħalx f' din is-sitwazzjoni jekk hija l-MEPA li tiddeċiedi. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li fil-laqgħa rriżultaw diversi rregolaritajiet mill-MEPA fejn dawn qalu li l-Kunsill ġie kkonsultat fuq din ir-riforma xi 5 snin ilu u qed jippruvaw iwaddbu l-piz fuq il-Kunsill.

3.3.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-Kunsill irid joqgħod attent u m' għandux għalfejn jitgħabba b' din ir-responsabilta. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li filwaqt li jaqbel mal-Kunsillier Cortis, il-Kunsill qiegħed hemm sabiex joffri servizz lir-residenti u kull min jopera f' dik iż-żona.

3.3.4. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti ssuġġerixxa li meta jinġabru l-kwestjonarji dawn jintbagħtu bħala raw data lill-MEPA filwaqt li l-Kunsill iżomma kopja għalih. Kien hemm qbil dwar dan.

3.4. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li rigward is-sistema ta' CCTV camera kellha ssir laqgħa mal-Authorised Officer iżda din ġiet posposta minħabba problemi ta' saħħa tal-authorised officer. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti kkummenta li waqt laqgħa li attenda mal-Onorevoli Chris Said, dan kien semma' li ltaqa mal-stakeholders kollha tas-sistema u ġiet preżentata presentation mill-Management Efficiency Unit. Il-Viċi Sindku talab li jkun jaf jekk din il-presentation tresqitx fil-kumitat konġunt. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li huwa attenda għal-aħħar laqgħa tal-kumitat konġunt u ma ssemma xejn. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-Kunsill kellu jkun preparat fil-każ li jintalab l-posizzjoni tiegħu u jekk kien hemm xi kunsillier li kellu xi proposta kellu jressaqha lis-segretarju.

3.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius għamel referenza għall-bus shelters li għadhom mhux qed jaħdmu kif mitlub mill-kunsill. Kien hemm qbil unanimu li l-kuntrattur jintalab iżarma l-apparat tiegħu u l-bus shelters jintużaw mill-Kunsill għal riklami tiegħu stess. Il-Viċi Sindku talab li jkun jaf jekk din il-proposta kienitx tfisser li l-Kunsill ma jibqax jaħdem fuq l-idea li jixgħel dawn il-bus shelters permezz ta' enerġija alternattiva. Saret diskussjoni u fuq proposta tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li f' dan l-istadju l-kunsill ikellem persuni tekniċi sabiex jinġiebu d-dettalji tekniċi ta' dak li hemm bżonn u dan il-proġett isir fil-futur.

3.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius għamel referena għall-minuti u nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Viċi Sindku Alfred Grixti ħadmu fuq template għall-website tal-Kunsill. Il-Kunsillier Agius ressaq ukoll kwotazzjoni ta' persuna nteressata li tagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm verżjoni bil-Malti u oħra bl-Ingliż filwaqt li ssir xi ħaġa żgħira bit-Taljan minħabba l-ġemellaġġ. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u jekk il-Kunsilliera kienu jafu b' xi persuni oħra nteressati, dawn setaw iressqu l-kwotazzjonijiet tagħhom ukoll.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1. Ma tressaq l-ebda punt għad-diskussjoni

## 6. VOT TA’ FLUS

6.1. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq il-vot ta’ flus (Appendix A) għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-ħlas tal-attivita Ħaż-Żebbuġ Jistiednek lill-Każin 12th May. Is-Sindku spjega li għalkemm dawn ma mxewx mal-ftehim kollu li kien hemm, il-pagament xorta waħda kien se jinħareġ minħabba l-impenn li urew u sabiex ma jinqalawx polemiċi, iżda fl-opinjoni tiegħu għandha tinġibed l-attenzjoni tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

6.2. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq mozzjoni sabiex il-vot ta’ flus jiġi approvat hekk kif mressaq. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Kien hemm qbil unanimu.

## 7. TENDER TRIQ IL-BUSKETT

7.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li meta nfetħu t-tenders ħareġ biċ-ċar li r-requirements mitluba fit-tender kienu differenti minn dawk li ried il-Kunsill. Għalhekk kien qiegħed jissuġġerixxi li l-Kumitat tal-Finanzi jiltaqa mal-kuntratturi nteressati u jitlobhom jissottomettu kwotazzjonijiet ġodda skond il-bżonnijiet tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar il-proposta tas-Sindku u kien hemm qbil li l-kumitat tal-finanzi jiltaqa t-Tlieta l-1 ta’ Settembru.

## 8. INFORMAZZJONI DWAR ATTIVITA MILL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

8.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent sabiex tiġi organizzata attivita’ ġewwa Ħaż-Żebbuġ simili għal varji attivitajiet liqed jiġu organizzati madwar lokalitajiet oħra. Is-Sindku spjega li minn riċerka li saret jidher li ġewwa Ħaż-Żebbuġ hemm numru kbir ta’ farms tal-majjali u għalhekk l-attivita se ssir fuq din it-tema bl-isem “il-Ħanżira tal-Erwieħ” u se tiġi organizzata fil-15 ta’ Novembru. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ma kienx se joħroġ spejjeż u jkun responsabli biss mill-għeluq ta’ toroq u kuntatti.

## 9. TINDIF TAL-CULVERTS U GĦARAR FI TRIQ ĦALI, TRIQ VASSALLI, TRIQ LUIGI FONTANA

9.1. Is-Sindku spjega lill-Kunsill li issa li dieħla x-Xitwa, din ġġib l-biża tar-residenti li joqgħodu f’ żoni milquta bi problemi ta’ għarar fosthom Triq Vassalli, Triq Ħali u Triq Luiġi Fontana. Is-Sindku spjega li b’ mod regolari jiġi avviċinat minn residenti ta’ dawn it-toroq jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid l-unika soluzzjoni hija l-bini ta’ culverts iżda l-kunsill ma setax jagħmel dan peress li kien miżmum mid-Dipartiment. Is-Sindku

spjega li l-Kunsill bagħat diversi ittri iżda dejjem baqa bla tweġiba. HUwa qal li issa kien il-mument li l-Kunsill jieħu azzjoni serja u determinata għax fl-aħħar mill-aħħar dawn ir-residenti kienu f' periklu kbir.

9.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li jinkitbu ittri lil Dr. Austin Gatt bħala Ministru responsabli mix-xogħolijiet fit-toroq, u lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, bħala s-Segretarju Parlamentari responsabli mill-Kunsilli, u permezz ta' dawn l-ittri jintalbu laqgħat sabiex jiġu diskussi dawn il-problemi.

Kien hemm qbil ukoll li titqassam kopja tal-minuti lir-residenti. Ġie propost ukoll li tintbagħat ittra lill-Membri Parlamentari kollha li jirrappreżentaw lill-Ħaż-Żebbuġ fejn ninfurmawhom bil-problema u nafżawhom li l-Kunsill se jkun qiegħed jorganizza laqgħa magħhom sabiex issir pressjoni fuq il-ministeri responsabli.

9.3. Saret diskussjoni dwar it-tindif tal-culverts eżistenti u kien hemm qbil li tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Kien hemm qbil li tiġi mħejja lista tal-culverts kollha madwar il-lokal u din titqassam lill-kunsilliera sabiex jekk dawn ikunu jafu b' xi culvert ieħor jiġi nkluż fil-lista.

## 10. MONTI

10.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li qiegħed ikun hemm diversi problemi relatati mal-monti fosthom bejjiegħa armati bla permess, oħrajn armati f' żoni mhux riservati għal-monti, u diversi nkonvenjenti relatati mal-post tal-monti. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid jiddiskuti x' azzjoni ħa jieħu rigward min hu armat bla permess u għandu jiddiskuti wkoll l-idea li l-monti jiġi rilokat għal x' imkien ieħor.

10.2. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti spjega li huwa attenda għal żewġ laqgħat mal-Onorevoli Chris Said u fiż-żewġ okkażjonijiet ġie msemmi li nħoloq kumitat li qed jaħdem fuq regoli ġodda dwari il-monti. Għalhekk il-Kunsill għandu jkun lest bil-proposti tiegħu meta jibda jaħdem dan il-kumitat. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill m' għandux iżid permessi ma' dawk li diġa huma eżistenti, inaqqas il-ġranet tal-monti u jsib sit alternattiv. Il-Viċi Sindku indika triq Lorenzo Gafa bħala waħda ideali fejn jiġi rilokat il-monti.

10.3. Il-Kunsillier Peter Micallef ikkummenta li din hija deċiżjoni mhux faċli u l-Kunsill għandu joqgħod attent kif se jintlaqtu r-residenti u jagħmel konsultazzjoni magħhom ukoll. Kien hemm qbil li ċ-ċaqlieq tal-monti jiġi diskuss f' laqgħa apposta u l-Kunsill jibda billi bħala l-ewwel pass jinforza iktar fuq il-permessi tal-bejjiegħa..

## 11. VJAL IL-ĦELSIEN

11.1. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jimxi rigward Vjal il-Ħelsien bl-istess mod ta’ Triq Vassalli, Triq il-Ħali u Triq Luigi Fontana.

Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat miż-Żebbuġ Rangers sabiex jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill fix-xogħolijiet li qed isiru fil-ground.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm.

Brian Bonnici
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv